

Biex tassew ngħixu f'dinja

Għandi ħabta niċċassa lejn mappa tad-dinja u nibqa' nifliha għal ħin twil, għajnejja mberrqa, siegħa sagħtejn jekk mhux ukoll nofstanhar sħiħ. Qisha kalendarju tal-avvent: wara kull ċappa kkulurita, taħt kull isem ta' belt jew reġjun li nittanta nliissnu kif nista', hemm mijiet, eluf, letteralment miljuni ta' stejjer reali u possibbli. U f'dawk il-postijiet li kelli x-xorti nżurhom, niftaħ bieba bil-ħlewwa u nsib ukoll xi tifikiriet.

Ara dan l-isem pereżempju, *Himachal Pradesh*, reġjun fit-Tramuntana tal-Indja, taħt l-aħħar djul tal-Himalaja. Ħames snin ilu kont hemm, fuq l-hekk imsejjaħ *Servizz Ewropew tal-Volontarjat*, biex ngħallem klassi bniet fi rħajjel jgħum f'nofs ta' baħar aħdar, kollu għelieqi tar-ross. Daqqa kienu jkunu għoxrin, daqqa xi tmienja u daqqa tlieta biss, skont ix-xogħol li kien ikollhom id-dar jew l-għalqa. Il-binja lanqas kienet skola proprja, iżda dar komunitarja b'daqqsxejn ta' bitħa. Ma kienx hemm siġġijiet u mwejjed, xejn għajr tapit wiesa' u xi ftit imċarrat li kien jinfirex fil-bidu ta' kull lezzjoni. Skomdu għall-ewwel, nammetti, iżda fih żewġ vantaġġi: l-għalliem u l-istudenti jkunu fl-istess livell, u iktar importanti minn hekk, konna noqogħdu f'ċirku. B'hekk ħadd ma kien ikun fuq quddiem u ħadd fuq wara, u ħadd ma kien jinsab 'il bogħod miċ-ċentru tal-azzjoni.

Fil-kamp tal-voluntiera nzertajt globu trasparenti, minn dawk li jintefħu bin-nifs, bil-pajjiżi tad-dinja mitbugħa fuqu, kif ukoll puzzle bil-mappamundi. Ivvintajt logħba sempliċi, xejn ta' barra minn hawn, fejn kull studenta kellha ssemmi pajjiż, twaddab il-globu lejn seħbitha, li mbaġhad kellha ssib il-pajjiż imsemmi, tagħżel ieħor u terġa' twaddab il-globu lil studenta oħra, u sejrin. Ġurnata oħra tlabt lil kull waħda 'tadotta' pajjiż li ismu (bl-Ingliż) jibda bl-ewwel ittra t'isimha: Arjuna għażlet l-Arġentina, Bhavani l-Belġju, Jamuna l-Ġordan, eċċetra. Bħala homework kellhom ifittxu tagħrif dwar il-pajsaġġi, l-annimali u l-frottijiet tipiċi tal-pajjiż adottat. B'xorti ħażina l-ebda studenta ma kellha isimha jibda bl-M, jiġifieri Malta miskinina baqgħet orfni! L-aħħar ġurnata, wara ġimagħtejn inwaddbu l-globu, hriġtilhom il-puzzle u f'kemm ilni ngħidlek għaqqduh kollu.

Nerġa' nbexxaq il-bieba, u nieħu pass lura għall-perspettiva. Nittama li, xi darba, l-istudenti jkollhom iċ-ċans u r-riżorsi biex iżuru l-pajjiżi li adottaw ħames snin ilu. Inkella l-mappa tad-dinja ma tkunx tassew tad-dinja kollha, iżda l-ġugarell tal-ftit, u l-fantażija tal-bqija.